Ġunju 2018 • Vol 25 • Nru. 2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




**Fil-Paġni ta' ġewwa:**

- Inawgurati għaxar vetturi kif ukoll *branding* ġdid għall-Korp
- Programm Jum il-Pulizija 2018
- Kif wieħed jista jkun effettwat meta jiġi espost għal sitwazzjonijiet trawmatiċi

U aktar…

*Newspaper Post*

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Ġunju 2018 • Vol 25 • Nru. 2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ


5. Editorjal

7. Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv

11. Dan l-aħħar...

15. Att ta' Ġenerożità

19. Inawgurazzjoni taċ-Ċentru Tekniku SVS

22. Min ser jgħasses lill-għassies?

24. 42 sena wara l-ġurament…

26. Niddeċiedu lkoll flimkien

28. Malta Police Association

30. Punti bażiċi li jiżguraw li x-xhieda tagħna fil-qorti twassal sabiex l-akkużi ppreżentati jkunu ppruvati mingħajr dubji bla bżonn

32. Jum il-Pulizija 2018 - Mitejn u Erbgħa Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

36. Kif wieħed jista' jkun affettwat meta jiġi espost għal sitwazzjonijiet trawmatiċi

38. Ġakketta ġdida għall-membri tal-Korp

41. Tmexxija effettiva u intelliġenti

45. Il- Kampanja Express Road Safety

50. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

53. Paġna għat-tfal

55. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

56. International Police Association - Malta

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju





Ritratt - CMRU

11



19



24



38



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Deputat Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Provi: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

ADVERT

# Editorjal

Ħallejt għall-aħħar kemm stajt biex ktibt dawn l-erba' kelmiet. Mhux faċli tikteb xi ħaġa f'dan iż-żmien iebes għall-membri tal-Korp, imma bħalma tafu, irrelevanti minn dak li nkunu għaddejjin minnu, xogħolna jrid jibqa' għaddej.

Inqas minn xahar ieħor niċċelebraw Jum il-Pulizija u kelli f'moħħi li dan l-editorjal nassoċjah mal-għaqda u s-sens ta' familja li għandu jkollna bejnietna. Qatt m'għaddieli minn moħħi li din l-għaqda se tinħass daqshekk reali f'kull membru tagħna u iżjed u iżjed kif il-paġna se tinqaleb minn lejl għan-nhar u minn kritika kontinwa fuq il-Pulizija, ġusta jew le, se nsibu daqshekk appoġġ mill-membri tal-pubbliku. Ta' dan l-appoġġ kellna nħallsu prezz għoli ħafna.

Dan l-editorjal u din l-edizzjoni kollha, bla ebda dubju u kif mistħoqq niddedikawh lil Simon u lill-familja tiegħu, f'dan iż-żmien diffiċli.

Kull min fostna forsi f'mument ta' rabja jew uġigħ għal dak li ġara, jazzarda jagħlaq jew ibexxaq għajnejh quddiem l-irregolaritajiet kollha li naraw ta' kuljum quddiemna, għandna lkoll inżommu f'moħħna mhux biss il-lealtà tagħna lejn il-ġurament li ħadna, imma iżjed minn hekk; dak li nħallu għaddej illum, jista' jweġġa' jew agħar, joqtol lil xi kollega tagħna għada.

Wara kollox, kemm jekk naħdmu ġo uffiċċju jew il-ħin kollu fit-triq, kollha kemm aħna ġieli ltqajna ma' irregolaritajiet u waqqafna jew ġbidna l-attenzjoni ta' xi ħadd. Aħna lkoll Simon.

*L-Editur*

rodienne.bartolo@gov.mt

ADVERT

ADVERT

# Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv

Għeżież kollegi,



Għal darb'oħra sejjer naqsam magħkom xi ħsibijiet dwar żviluppi li seħħew dan l-aħħar fil-Korp tal-pulizija.

Kienet ċerimonja simbolika dik li assistejna għaliha nhar il-Ġimgħa 27 ta' April quddiem l-għassa tal-Mellieħa. F'din iċ-ċerimonja li għaliha kien hemm preżenti l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, il-Kummissarju tal-Pulizija, uffiċjali għolja kif ukoll il-Kappillan tal-Korp, ġew inawgurati għaxar vetturi ġodda lkoll assenjati lid-distretti. Fl-istess okkażjoni, il-Korp nieda wkoll *branding* ġdid intiż li jagħti dehra aktar friska tal-ħidma tiegħu.

Filwaqt li dawn l-għaxar vetturi huma ferm anqas mir-rekwiżiti preżenti tal-Korp, il-messaġġ li ried jibgħat il-Kummissarju huwa wieħed ċar u b'saħħtu, dak li l-Korp jifhem u japprezza l-importanza li d-distretti jissaħħu sabiex inkunu ta' servizz aħjar għall-poplu Malti u Għawdxi. Konxji tan-neċessitajiet preżenti, il-Korp diġà ħejja t-triq sabiex jakkwista aktar vetturi ġodda kemm għad-distretti kif ukoll għall-branki speċjalizzati.

Tajjeb jingħad li filwaqt li l-immodernizzar tar-riżorsi huwa fundamentali għal ħidma aktar effettiva, studji juru kif dawn il-vetturi ftit li xejn jikkontribwixxu sabiex inkunu eqreb lejn iċ-ċittadini u napplikaw il-prinċipju ta' *community policing* bl-aktar mod konkret. Jirriżulta li sabiex il-pubbliku jħoss il-preżenza tal-pulizija, hemm bżonn li ssir aktar enfasi fuq *foot patrols* kif ukoll *patrols* bir-roti. Dan tal-aħħar huwa kunċett ieħor li bħalissa qed naħdmu fuqu bil-ħsieb li nerġgħu ndaħħlu użanza tal-imgħoddi li mhux biss tiffaċilita l-*patrols* fit-toroq iżda jekk tinħadem b'mod għaqli tista' sservi wkoll bħala eżerċizzju ta' relazzjonijiet pubbliċi bħal fil-każ ta' *self-balancing scooters*. Bi ħsiebna wkoll ninvestu f'aktar minn dawn il-mezzi moderni.

U jidher li l-preżenza tal-pulizija fit-toroq Maltin (kemm bl-uniformi kif ukoll pajżana) qed tħalli l-frott mixtieq tant li f'rapport ippubblikat fl-aħħar ta' April ta' din is-sena, il-Professur Saviour Formosa, Kap tad-Dipartiment tal-Kriminoloġija ġewwa l-Università ta' Malta, wera kif wara tmin snin ta' żieda kontinwa, kontra kull xejra (tenut kont, fost l-oħrajn, iż-żieda sostanzjali fit-turiżmu lejn pajjiżna), fl-2017 ġie rreġistrat tnaqqis fir-reati rrappurtati lill-pulizija Maltija. Ta' min jinnota li grazzi għall-ħidma sfiqa tal-pulizija tad-distrett, xi drabi bl-assistenza tal-branki investigattivi, għall-ewwel darba sa mill-2009, il-*pickpocketing* irreġistra tnaqqis ta' 12% mis-sena ta' qabel u dan wara li mill-2009 sal-2016 kien hemm dejjem żieda minn sena għal oħra. Grazzi għall-kontribut ta' kull wieħed u waħda minnkom, ir-reati rrappurtati lill-pulizija Maltija huma ferm anqas mill-medja Ewropea sabiex b'hekk konkretament nassiguraw li pajjiżna jkun fost l-aktar pajjiżi sikuri fl-Ewropa u fid-dinja.

Ġaladarba l-Korp tal-Pulizija qiegħed bil-provi jafferma ruħu bħala entità li qed tagħti r-riżultati mistennija mill-poplu Malti u Għawdxi, deherilna li dan ix-xogħol siewi għandu jkun trasmess lill-pubbliku bl-aktar mod professjonali. Irriżulta li minkejja li l-Korp kellu l-emblema uffiċjali tiegħu, ma kienx qed jippromwoviha bl-aktar mod effettiv. Għaldaqstant ħdimna fuq kunċett ta' *corporate branding* b'enfasi assoluta fuq l-emblema tal-Korp li, għalkemm tbiddlet fl-istil tagħha diversi drabi matul iż-żminijiet, dejjem tat sinjifikat lill-operat tagħna u fl-istess waqt iddistingwietna minn entitajiet oħra.






Il-lewn blu ntgħażel biex, fejn possibbli, jkun ta' sfond għall-emblema tal-Korp. Dan il-kulur mhux biss rifless fl-isfond tal-istandard u l-bandiera uffiċjali tal-Korp Malti iżda huwa l-lewn assoċjat mal-pulizija madwar id-dinja. Huwa interessanti kif il-pubbliku jidher li jassoċja l-lewn blu ma' sentimenti ta' sigurtà u serħan il-moħħ. B'dan il-mod deherilna li l-użu ta' dan il-lewn awtomatikament jitrasmetti wkoll il-missjoni tal-Korp tal-Pulizija, dik '*Li nħarsu u nżommu lil Malta bħala Stat sikur.*' Apparti l-lewn griż li jifforma parti mill-emblema tal-Korp, fejn kien possibbli żewwaqna l-ilwien blu u griż mal-abjad u l-aħmar, is-sisien tal-bandiera Maltija li hija ċ-ċentru tal-emblema tal-Korp tal-pulizija.

Sabiex inkomplu niffaċilitaw l-aċċess tas-servizzi tagħna lill-poplu Malti u Għawdxi, saret enfasi biex kemm jista' jkun nesponu l-indirizz tal-websajt tal-Korp **www.pulizija.gov.mt** u/jew l-indirizz elettroniku tal-Korp li issa sar jaqra **pulizija@gov.mt** fejn allura l-attenzjoni ddur fuq il-kelma *Pulizija*. Mhux biss komplejna b'hekk insaħħu l-prinċipju ta' uniformità, li huwa tant kruċjali fil-kunċett ta' *corporate branding*, iżda ħassejna li b'dan il-mod konna qegħdin nippromwovu l-lingwa Maltija, lingwa unika fid-dinja li, minkejja ċ-ċokon tagħna, tiddistingwina minn pajjiżi oħra ferm akbar minna.

Fil-jiem u x-xhur li ġejjin ser inkomplu naħdmu biex dan il-kunċett ta' *corporate branding* jiġi applikat bl-aktar mod wiesa' possibbli sabiex b'hekk l-operat professjonali tagħna jkun trasmess lill-pubbliku bl-istess mod professjonali. Naturalment, dan kollu jista' jkun possibbli bil-koperazzjoni ta' kull wieħed u waħda minna. Għaldaqstant intom ġentilment mitluba sabiex taderixxu mad-direzzjonijiet mogħtija fiċ-Ċirkulari 18/2018 datata 30 ta' April 2018 kif ukoll struzzjonijiet oħra ppubblikati minn żmien għal ieħor dwar dan is-suġġett.

Huwa ttamat li dan l-eżerċizzju tant mirqum, li sar bl-assistenza tal-Istamperija tal-Gvern, iwassal biex jitkattar l-*esprit de corps* fil-membri tagħna sabiex b'hekk nibqgħu noffru servizz tal-ogħla kwalità lis-soċjetà Maltija filwaqt li nkomplu nħarsu u nżommu lil Malta bħala Stat sikur.

DOMINE DIRIGE NOS.

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU




Nhar it-23 ta' Marzu ġie inawgurat is-servizz il-ġdid tal-112. L-inawgurazzjoni tmexxiet mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, il-Kap Eżekuttiv tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta s-Sur Jeffrey Curmi, id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili s-Sur Emanuel Psaila, it-Tabib Michael Spiteri min-naħa tal-Emerġenza u s-Sur Christopher Bell li huwa ċ-*Chief Information Officer* tal-Ministeru li ħa ħsieb il-koordinazzjoni u t-teknika tas-sistema.

Il-Ministru spjega li fiċ-ċentru l-ġdid tal-112 ġew implimentati diversi teknikalitajiet ġodda u se tagħti l-faċilità lil min jirċievi t-telefonata biex ikun jista' jistabbilixxi l-persuna u l-post minn fejn qed issir is-sejħa għas-servizz tal-emerġenza. Is-sistema toffri wkoll *advance mobile location*, servizz li għandu l-faċilità li jagħraf il-lokalità u l-madwar ta' dik il-persuna li qed iċċempel għall-għajnuna. Dan se jżid l-effiċjenza biex tingħata l-ewwel għajnuna fl-iqsar ħin.







Fl-istess ġurnata, 23 ta' Marzu, li ħabat Jum id-Duluri, bħal kull sena ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nfetħet il-mejda tal-Appostli b'xogħol mill-isbaħ li t-talent tal-kollegi tagħna fil-Korp jaf joffri. Il-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mal-Ministru Michael Farrugia għoġobhom jiftħu uffiċjalment din il-wirja fejn filwaqt li faħħru mhux ftit it-talent ta' dawn in-nies, apprezzaw l-istorja li ġġorr magħha u li tirrakkonta din il-wirja, fejn propju ġiet spjegata f'dettall mid-Deputat Kummissarju s-Sur Mario Spiteri.

Bħal kull sena din il-wirja ġibdet ħafna nies, b'mod partikolari gruppi ta' nies minn rħula u parroċċi madwar Malta li kull sena jżommu l-appuntament tagħhom u jiġu jżuru l-wirja. Din is-sena għall-ewwel darba, il-Maġġur Martin Agius tella' wirja żgħira ta' statwi li huma tiegħu personali u li rrakkontaw il-Passjoni ta' Ġesù.



Nhar is-Sibt 24 ta' Marzu ġewwa l-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina, il-Banda tal-Korp tal-Pulizija tellgħet kunċert mill-isbaħ b'risq il-*Community Chest Fund*. F'dan il-kunċert li għalih attendew numru sabiħ ta' nies, indaqqet mużika klassika u sagra marbuta propju maż-żmien li konna ninsabu fih, żmien il-Għid.



Attendiet ukoll għal dan il-kunċert l-Eċċellenza tagħha Marie Louise Coleiro Preca – President ta' Malta, fost diversi persuni distinti fil-pajjiż, kif ukoll mill-Korp tal-Pulizija.



Is-Surmast tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija, is-Supretendent Anzjan is-Sur Anthony Cassar mexxa dan il-kunċert fejn kantanti kif ukoll kor ta' fama f'pajjiżna akkumpanjaw il-Banda tal-Korp tal-Pulizija.

magazine.police@gov.mt



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Att ta' Ġenerożità

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Kemm hi ħaġa sabiħa meta naħsbu mhux biss fina nfusna jew fil-familjari tagħna biss, imma anki f'persuni oħra li avolja ma jkunux daqstant qrib tagħna jsibuna lesti sabiex mill-ftit li nistgħu nagħtu.

Hekk kien il-każ ta' PC 1592 Daniel Busuttil. Daniel ilu għal dawn l-aħħar 22 sena stazzjonat l-għassa Tas-Sliema u allura tista' tgħid li n-nies tal-komunità jafhom sew. Fil-fatt hekk kif sema' li koppja, parruċċani tal-Knisja tas-Sacro Cuor kienu jinsabu għaddejjin minn żmien mhux daqstant feliċi ġietu l-idea li jagħmel xi ħaġa sabiex ikun ta' għajnuna.

Fil-fatt il-koppja Paul Mizzi u Denise Spinoche kellhom tarbija nhar it-12 ta' Mejju 2017, fejn twieled tifel li rriżulta li kellu problemi fil-moħħ u allura ma setax jgħix ħajja normali bħal kulħadd. Din il-koppja minħabba l-kundizzjoni tat-tifel u l-kura li għandu bżonn sabiex ikun jista' jgħix bl-aħjar mod possibbli jaffaċċjaw ħafna spejjeż. Kien għalhekk li PC 1592 wara li tkellem mal-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo qablu li jagħmlu ġabra b'risq din il-familja. Pulizija mill-għassa Tas-Sliema, Imsida, Gżira u anke dik ta' San Ġiljan ħadu sehem f'din l-inizjattiva u flimkien ġabru s-somma ta' €982, fejn mill-għases Tas-Sliema, Imsida u Gżira nġabru €840 u minn San Ġiljan inġabret is-somma ta' €142.



Fit-8 ta' Mejju, ġewwa l-għassa Tas-Sliema saret ċelebrazzjoni żgħira b'quddiesa kkonċelebrata minn Patri Paul Attard OFM – Kappillan tal-Komunità Parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor. It-tifel li llum il-ġurnata għandu sena u jismu Thomas jew issa kif inhu magħruf mal-kollegi tagħna tal-għassa Tas-Sliema bħala *baby* Tommy, kien hemm flimkien mal-mamà tiegħu u l-familjari li għoġobhom jingħaqdu flimkien għal din il-quddiesa. Preżenti wkoll kien hemm is-Sindku Tas-Sliema kif ukoll parruċċani u pulizija stazzjonati f'dan id-distrett.

Fl-aħħar tal-quddiesa kulħadd inġabar fl-uffiċċju tal-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo fejn ġew ippreżentati l-flus lil omm *baby* Tommy. Is-Sinjura Denise filwaqt li rringrazzjat lil Pulizija għal dan l-att ta' ġenerożità rrakkuntat li t-trattament li għandu bżonn *baby* Tommy jiswa madwar €35,000.

Minn hawn aħna wkoll ningħaqdu mal-kollegi tagħna stazzjonati fl-għases Tas-Sliema, l-Imsida, il-Gżira kif ukoll San Ġiljan nawguraw li *baby* Tommy ikun jista' jgħix ħajja aktar komda filwaqt li nawguraw saħħa lill-familjari tiegħu b'mod speċjali lill-ġenituri.

magazine.police@gov.mt





**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Inawgurazzjoni taċ-Ċentru Tekniku SVS

mill-Ispettur Arthur Mercieca – SVS



Xtaqt nibda billi nagħti stampa ħafifa tax-xogħol li twettaq l-Iskwadra tal-i*Stolen Vehicle Squad*. Din l-iskwadra ilha mwaqqfa sa mis-sena 1994 u hija komposta minn żewġ taqsimiet, dik teknika u dik investigattiva.

Ta' min wieħed jinnota li din l-iskwadra tagħmel mas-6000 spezzjoni ta' vetturi impurtati minn barra mill-Unjoni Ewropea kif ukoll tispezzjona vetturi u magni impurtati mill-Unjoni Ewropea u dan wara li Transport Malta jkun irriżultalha xi diskrepanzi fl-identifikazzjoni ta' dawn il-vetturi jew magni. Dawn jammontaw għal madwar 200 vettura oħra fis-sena. Jiġu wkoll referuti mal-50 vettura fis-sena li jkunu fallew it-test tal-VRT minħabba xi diskrepanzi fix-*chassis* jew magna. L-iskwadra hija wkoll inkarigata li tistampa numru ta' *chassis* jew magna wara li jkunu tlestew l-investigazzjonijiet fuq il-vettura li jammontaw għal madwar 180 vettura fis-sena. Matul is-sena l-iskwadra tirċievi madwar 150 rikjesta minn għases tal-Pulizija u dipartimenti oħra sabiex nagħtu assistenza f'dak li jirrigwarda identifikazzjoni ta' vetturi.

Is-sezzjoni investigattiva tieħu ħsieb investigazzjonijiet relatati ma' vetturi bħalma huma serq ta' vetturi, ħruq ta' vetturi, serq minn ġewwa vetturi, tbagħbis fuq vetturi, kif ukoll nagħtu assistenza lil skwadri oħra kull fejn ikun hemm il-bżonn ta' identifikazzjoni ta' vetturi li jkunu ntużaw f'xi reat. Naħdmu wkoll id f'id ma' dipartimenti oħra tal-Gvern bħalma huma d-Dwana, Transport Malta u anke kumpaniji tal-assikurazzjoni.



Sa mill-1994 is-sezzjoni teknika tal-SVS kienet topera minn uffiċċju żgħir biswit il-garaxx tal-Pulizija, u l-ispezzjonijiet kienu jsiru barra fit-triq taħt is-sur, bil-Pulizija esposti għall-elementi u mingħajr faċilitajiet ta' xejn. Kien għalhekk li nħasset il-ħtieġa li jiġi identifikat sit fejn dawn l-ispezzjonijiet isiru taħt saqaf u jkunu jistgħu jsiru aktar bir-reqqa.

Nhar it-23 t'April 2018 ġie inawgurat iċ-Ċentru Tekniku l-ġdid tal-SVS mill-Onorevoli Ministru Dr Michael Farrugia MD MP. Dan iċ-ċentru jinsab ġewwa l-Menqa l-Marsa eżattament taħt l-Uffiċċju tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija. Dan is-sit kien l-aħjar wieħed mis-siti l-oħra li kienu disponibbli minħabba l-fatt illi huwa viċin ix-xatt fejn l-istess skwadra tagħmel bosta spezzjonijiet fuq vetturi impurtati. Iċ-ċentru l-ġdid illum il-ġurnata huwa mgħammar b'għodod moderni li jgħinu fl-investigazzjonijiet relatati mal-vetturi fosthom *car lift* li għandu kapaċità li jtella' vetturi sa ħames tunellati kif ukoll tagħmir modern ieħor li jgħin waqt li jkunu qed isiru dawn l-ispezzjonijiet. Sar investiment ukoll fl-infrastruttura tal-post bħal bibien u għamara ġdida kif ukoll sistemi ta' dwal, *cameras* u kompjuters ġodda. Hawnhekk nixtieq minn qalbi nirringrazzja lis-sezzjoni tat-*Trades* li ħadmu qatigħ biex dan il-proġett seta' jsir realtà.

Permezz ta' dan iċ-ċentru ġew amalgamati flimkien l-iskwadra teknika flimkien mal-iskwadra investigattiva. Dan għen ħafna biex il-pubbliku jkollu servizz aktar effiċjenti kif ukoll ikun hemm koordinazzjoni aħjar waqt l-investigazzjonijiet.



**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Min ser jgħasses lill-għassies?

Mill-Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Qanqalni nikteb artiklu dwar il-feriment gravi li sar ftit tal-ġranet ilu fit-Triq ta' Ħal Luqa fuq il-kuntistabbli Simon Schembri. Dan bħalma tafu ġie mtajjar b'karozza misjuqa minn żagħżugħ ta' sbatax-il sena, li baqa' jkaxkru wkoll matul it-triq waqt li kien għadu maqbud taħtha, biex kważi ħallieh għal mejjet. Din hija tassew realtà li teżisti, parti mis-sogru li għandu kull min jidħol għal dan it-tip ta' xogħol. Iżda dan il-fatt ħadni wkoll lura b'mod retrospettiv, minħabba okkażjonijiet fejn il-Korp kien għadda wkoll minn esperjenzi oħrajn simili. Sa fejn nafu, pulizija li ġew maqtula minħabba li kienu waqfu b'ċertu statura quddiem il-ħażen u kuntrarju ieħor kienu tmienja; minn fosthom tnejn ta' żminijietna, il-kuntistabbli Mark Farrugia li kien ġie maqtul f'Ħal Tarxien f'Marzu tal-1999 u l-kuntistabbli Roger Debattista li kien ġie maqtul ukoll f'Ħal Qormi, f'Novembru tal-2001. Iżda l-aktar żewġ delitti li għamlu impatt meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi u d-dinamika tal-każijiet infushom; dan sintendi mingħajr ma nnaqqas mill-merti tal-oħrajn, tista' tgħid li kienu l-qtil tal-kuntistabblijiet Serafin Zammit ġewwa Ħal Għaxaq u ta' Felic Dalli fl-inħawi ta' Ħaż-Żabbar. Iż-żewġ każijiet kienu ġraw f'April tal-1860. Dwar il-qtil tal-kuntistabbli Serafin Zammit, dan kien ġara waqt li hu kien miexi għaddej fuq ronda u kif kien għoddu wasal fl-inħawi ta' bejn iż-Żejtun u Ħal Għaxaq iltaqa' ma' ċertu Anġlu Farrugia magħruf bħala 'l-krozz' li kien qed iġorr xkora ma' dahru. Issa billi dan Farrugia kien bniedem, kif ngħidu, li ssoltu xellef difrejh mal-ġustizzja; kif ukoll għax f'moħħ il-pulizija dak il-ħin waqa' s-suspett li kien qed iġorr xi affarijiet misruqa, dan bir-raġun kollu ordnalu sabiex jieqaf. Iżda ġara li flok Farrugia waqaf kif leġittimament ordnalu l-pulizija; dan ħarab jiġri lejn il-kerrejja fejn kien joqgħod f'Ħal Għaxaq. Il-kuntistabbli ġera warajh u kien għoddu laħaq miegħu iżda kien b'vantaġġ ċkejken min-naħa tal-'krozz', peress li laħaq daħal jiġri ġewwa l-kerrejja. Dan tal-aħħar sintendi, kien jaf li l-pulizija kien sejjer jibqa' dieħel warajh biex jaqbdu u li l-ġirja li kien ġera warajh ma kinetx ser tkun għalxejn. Iżda sforz l-istint imħallat mal-ħażen ta' moħħu, bla telf ta' żmien staħbielu fid-daħla tal-istess kerrejja, sabiex kif lemħu rama jfajjarlu fuq rasu b'kemm kellu saħħa u bla ħniena b'seratizz (biċċa njama ħoxna jew ħatar) tant sa ma' ħallieh f'għadira demm u mingħajr ma jintgħaraf. Il-pulizija ma damitx ma saret taf bil-każ u eventwalment min kien il-qattiel ta' Serafin. Dan minħabba li xi ħadd, aktarx waqt li kien viċin tal-kerrejja ra lill-'krozz' f'dawk iċ-ċirkostanzi u wkoll għax wara kien sema' krib imniegħed ta' bniedem, li meta marru jaraw x'kien qed jiġri, kulħadd baqa' mħassar u xxukkjat b'dik id-dehra tassew makabra li kien tħalla fiha l-kuntistabbli, minxur mal-art.

Għalkemm is-suspettat kien laħaq għeb minn dawk l-inħawi, kien intlemaħ u nqabad aktar tard ġewwa r-raħal viċin ta' Marsaxlokk. Wara li Anġlu Farrugia kien wettaq dan id-delitt li kien baqa' għal bosta żmien jissemma u jiġi diskuss hu kien għadda ġuri quddiem tliet imħallfin u wara li nstab ħati, kien ġie kkundannat għall-mewt u ngħata l-forka.

Il-każ l-ieħor tal-kuntistabbli Felic Dalli li kien ukoll membru tal-Kavallerija, ġara bejn il-lejl tas-sebgħa u għoxrin u t-tmienja u għoxrin ta' April tal-1860. Meta Dalli kien għaddej biż-żiemel tiegħu, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, fl-inħawi ta' Ħaż-Żabbar; hemm kien intebaħ li f'waħda mill-għelieqi ta' biswitu kien hemm xi nies li aktarx kienu daħlu f'dak ir-raba sabiex jisirqu. Hawn tajjeb li wieħed isemmi, (daqsxejn ta' parambolu) biex wieħed jidħol aktar fl-ispirtu u l-kuntest ta' dawn il-ġrajjiet, illi s-serq tal-għelejjel, annimali, tjur u oġġetti oħra minn ġewwa r-raba u l-irziezet, f'dawk iż-żminijiet kienu tassew komuni u l-aktar irrappurtati lil pulizija. Għalhekk Dalli baqa' javvanza biż-żiemel tiegħu u resaq viċin tagħhom biex jara aħjar u jkun aktar ċert; minħabba li issa kien għoddu dalam.

Iżda f'daqqa waħda kif ġie viċin sewwa tagħhom, ġie sparat tir ta' xkubetta li laqtu u ħallieh hemm mejjet waqt li kien għadu riekeb fuq iż-żiemel. Il-qattiel kien ħarab ukoll minn fuq il-post u l-katavru tal-kuntistabbli Dalli kien instab l-għada filgħodu mas-sbieħ. Mhux magħruf iż-żiemel kienx baqa' fuq il-post jew telaqx. L-aħbar tal-qtil ta' dan il-pulizija u kif instab mejjet tista' tgħid ġriet f'kemm ili ngħidlek ma' Malta kollha. Waqt l-investigazzjoni l-pulizija ġabret biżżejjed tagħrif biex is-suspett waqa' fuq kriminal magħruf sewwa f'dawk iż-żminijiet, li kien ċertu Ġużeppi Ebejer ta' erbgħin sena minn Ħal Balzan. Dan jingħad li kien ta kedda sewwa lil pulizija sakemm sabitu biex arrestatu. Kien qiegħed jinħeba f'postijiet differenti sa ma' rnexxielha ssibu u arrestatu minn ġewwa dar fl-Imsida fis-sebgħa ta' Ġunju. Kien tressaq il-Qorti mixli bil-qtil brutali tal-kuntistabbli Felic Dalli; u wara li nstab ħati, kien ingħata sentenza ta' għomor il-ħabs b'xogħol iebes. Ebejer kien ġie deskritt ukoll bħala kriminal b'karattru ddisprat u li ma kienx jista' jara uniformi ta' pulizija quddiemu li ma jippruvax jeħles minnha.

Għal Ebejer ma kienx ukoll l-ewwel darba li kellu konfronti serji u vjolenti mal-pulizija.

Bħalma qed naraw, kollox jispiċċa u jgħaddi u jsir parti mill-istorja. Iżda kif dejjem jingħad l-istorja terġa' u tibqa' tirrepeti ruħha forsi jinbidlu n-nies, il-postijiet u xi affarijiet materjali oħra; iżda ċ-ċirkostanzi inizjali, b'mod jew ieħor ma tantx jinbidlu – għalhekk l-istorja nkitbet meta nkitbet b'xi mod dejjem tista' titqies bħala kontemporanja; u l-ġudizzju tagħha f'ħafna drabi jista' jkun li jiddependi ironikament minn min ikun kitibha.

### Min ser jgħasses lill-għassies?

Ser tibqa' tiġi mistoqsija donnu mistoqsija filosofika li inizjalment kienet tiġi diskussa ta' sikwit mill-għorrief tal-Greċja tal-Qedem u wara daż-żmien, snin kollha li għaddew, donnu għadha mhux imwieġba konkretament. Fl-għerf tagħhom kienu jistaqsu 'min sejjer jieħu ħsieb u jgħasses lil dawn li qed jgħassuna u jieħdu ħsiebna; joħduha u jissieltu kontra kull forma ta' ħażen u l-istrutturi tiegħu; intenzjonati li jxejnu l-ordni u l-imminar tal-istess stabbilità soċjali?'

Iżda kull meta terġa' tqum il-mistoqsija, dan ikun ifisser li l-għassies reġa' għal xi raġuni ma jkunx qed jiġi mgħasses kif jixraq, jekk mhux abbandunat; u dak li ġie nfilsat, mibdul jew emendat matul iż-żmien fit-teorija ma jkun qed iħossu jaffetwah għalxejn; jekk ma jħossux ukoll ineżistenti fl-intier tiegħu. Allura, jekk hu hekk, kif ser ikun moralment fil-qagħda li jgħasses u jipproteġi lill-istess soċjetà li minnu u fuqu kontinwament qed isserraħ is-sisien u s-sigurtà tal-eżistenza u s-saħħa tagħha biex tkompli miexja?

Minn naħa l-oħra, tal-fehma wkoll li kultant inutli li l-ġustizzja turi ħniena u rispett lejn ċertu kriminali. Dan l-aktar meta tkun taf b'ċertezza, tista' tgħid, li waqt li jkunu barra ser ikomplu jiżdiedu l-vittmi fis-soċjetà.

Naħseb li s-soċjetà kif naraha, kważi kważi, aktar qed issir miexja lejn biex tkun iżjed sensittiva ma' din il-kategorija ta' karattri, milli mal-vittmi nfushom u saħansitra wkoll inqas protettiva mal-istess għassies, li fl-aħħar mill-aħħar irid ikun hu li jipproteġiha.

B'rabta mal-istess titlu li użajt għal dan l-artiklu u bix-xieraq li nagħlaq bih - nikkwota propju l-vers mill-iskrizzjoni li hemm mal-monument ċentrali fuq l-oqbra tal-pulizija, ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Dan pjuttost inqisu wkoll bħala epitafju, minħabba n-natura tad-diskors mirqum, magħżul tajjeb ħafna għall-kuntest u fl-aħħar mill-aħħar poetiku, li jgħid – 'F'ħajjitkom terraqtu biex twennsu u tħarsu lil ħutkom Maltin, għad-dell tas-salib issa strieħu mibkija bla qatt minsija'.

Nittama li wieħed jagħti każ ta' dan id-diskors u anke jirrifletti xi ftit fuqu.

joseph.q.borg@gov.mt

# 42 sena wara l-ġurament…

mill-RSM Raymond Zammit

La tagħlaq titlaq? Hekk kienu jilqgħuni l-pulizija anzjani meta dħalt fil-Pulizija. L-għada kienu sarkastikament isaqsuni kemm fadalli servizz.

Jien ħadt il-ġurament tal-ħatra fil-21 ta' Frar 1976, parti minn grupp ta' mija u ħamsin.
Wara xi tliet ġimgħat ġewwa d-Depot bdejna ningħataw il-*postings* u jien kont ġejt trasferit l-għassa tas-Sliema, dak iż-żmien magħrufa bħala l-*Happy Station*, ma' grupp ta' sebgħa oħra, fosthom Pc497 Fabri, Pc556 Cassar, PC1398 Dingli u PC854 Cini. Dak iż-żmien l-*off duty* kont tieħdu ġimgħa wara sitt ijiem u ġimgħa wara ħamest ijiem. Spetturi kellna lil Charlie Demicoli u Ronnie Theuma (eks-Direttur tal-Ħabs). Surġenti kellna lil Maurice Bayliss, Pawlu Grech, Mallia, Magrin, Kelly u Alla jaħfirlu PS 470 Charlie Demicoli. Dawn lili kienu laqgħuni u għenuni ħafna.



Wara xi xhur kont ġejt trasferit għas-CID bħala xufier, fejn ħdimt fost oħrajn mal-eks Kummissarji Calleja, Grech u Rizzo u mal-iSpeaker tal-Parlament Dr Anġlu Farrugia.



F'Diċembru tal-1979, kont ukoll attendejt għall-kors ta' tliet ġimgħat f'Ruma dwar id-drogi.

Fl-1 ta' Frar 1980 ġejt promoss għar-rank ta' Surġent, fejn ġejt trasferit fis-sezzjoni tal-Immigrazzjoni u iżjed tard mas-Sur Seychell ġewwa l-*Fraud squad*, fejn minn hemm, flimkien mas-Sur Seychell, erġajt ġejt trasferit fis-sezzjoni tal-Immigrazzjoni.
Fis-sena 1981, ġiet iffurmata r-*Riot Squad* u jien sibt ruħi fiha. Iżjed tard din l-iskwadra saret l-*iSpecial Mobile Unit* (SMU).

Minn hemmhekk fis-sena 1986 ġejt trasferit ġewwa l-għassa Ħal Qormi, fejn hemmhekk għalkemm kont għal qalbi, minħabba raġunijiet personali kont irreżenjajt.

Fis-sena 1991 dħalt lura u fis-sena 2006 ġejt promoss għar-rank ta' Surġent Maġġur tat-tieni klassi inkarigat mis-6PD u għal xi żmien anke 6A PD. Filwaqt li fis-sena 2013 ġejt promoss għar-rank ta' Surġent Maġġur tal-ewwel klassi (RSM), kariga li għadni nokkupa sal-lum.

Karriera twila mhux ħażin u li meta tħares lura, filwaqt li tfakkrek fit-tajjeb u l-ħażin kollu li tkun għaddejt minnu, flimkien ma' sħabek, bla ma trid tirringrazzja lil Alla ta' kollox.

Niskuża ruħi li ma stajtx insemmi lil kulħadd.

*Nota: Dan l-artiklu qed nippublikawh fuq xewqa tal-RSM, ftit xhur qabel ma' jagħlaq 63 sena.*

---

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Niddeċiedu lkoll flimkien

minn PS612 Theo Vella - Segretarju Forzi Dixxiplinati,
Uffiċjali tas-Sigurtà u Infurzar tal-Liġi - General Workers' Union

Mill-artiklu ta' Marzu 2018 sal-lum, kellna żviluppi importanti fir-rigward tal-ftehim settorjali għall-membri tal-Korp tal-Pulizija. Wara li l-POU-GWU u l-MPA, iż-żewġ unjins ewlenin li nirrappreżentaw lill-membri tal-Korp, konna ilna ftit aktar minn sena li ppreżentajna l-proposti tagħna, irċevejna l-kontro-proposti min-naħa tal-Gvern. F'dan l-istadju ma jkunx għaqli li nidħol fid-dettall ta' x'inhuma l-kontro-proposti kollha u dan mhux għax irridu nżommu mistur x'qed isir, iżda għax fl-istadju tan-negozjati jista' jkun hemm tibdil u jinbidlu l-pożizzjonijiet skont iċ-ċirkostanzi.

L-unika miżura li nħossuna komdi li nitkellmu minn issa dwarha u li l-gvern aċċetta li jimplimenta, hija l-kwistjoni li nitħallsu bir-rata tas-sahra wara l-40 siegħa xogħol fil-ġimgħa. Inħossuna li nistgħu nitkellmu dwar din il-kwistjoni mhux biss għax m'għandniex dubju li l-gvern mhux sejjer lura minn din il-kundizzjoni, iżda wkoll għax fiha bażi legali u hija prinċipju li tħaddem l-Unjoni Ewropea. Sfortunatament minkejja li Malta ilha ftit aktar minn 14-il sena membru sħiħ fl-Unjoni Ewropea, il-ħidma li nkunu verament pajjiż Ewropew għadna qed nissieltu għaliha sal-lum il-ġurnata.

Il-prinċipju tal-40 siegħa xogħol fil-ġimgħa fih żewġ vantaġġi ewlenin. L-ewwel vantaġġ hu l-aktar wieħed ovvju, ċioè dik li llum qed naħdmu 312-il siegħa fis-sena aktar (ekwivalenti għal 39 ġurnata) mingħajr ebda ħlas addizzjonali għalih u kulma qed nieħdu tiegħu huwa tmint ijiem *leave* addizzjonali (ekwivalenti għal 64 siegħa). It-tieni vantaġġ huwa kif tiġi kkalkulata r-rata fis-siegħa, ir-rata tas-sahra u r-rata tas-*Sunday allowance*. Sal-lum il-ġurnata r-rata qatt ma kienet qed tirrifletti verament l-iskala rispettiva tagħna. Dan ifisser li dejjem kellna r-rata ta' 15% inqas minn kull impjegat tal-gvern ieħor bl-istess skala. Fiż-żewġ tabelli t'hawn taħt wieħed jista' jqabbel ir-rata kkalkulata bis-46 siegħa xogħol fil-ġimgħa u r-rata kkalkulata bl-40 siegħa xogħol fil-ġimgħa għall-ħames snin li ġejjin (ikkalkulata fuq Kuntistabbli fil-massimu - Skala 12).

**Rata kkalkulata fuq 46 siegħa xogħol fil-ġimgħa (Skala 12 fil-massimu)**

| | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| X1 | 8.01ċ | 8.24ċ | 8.47ċ | 8.72ċ | 8.97ċ |
| X1.5 | 12.01ċ | 12.35ċ | 12.71ċ | 13.07ċ | 13.45ċ |

**Rata kkalkulata fuq 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa (Skala 12 fil-massimu)**

| | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| X1 | 9.21ċ | 9.47ċ | 9.74ċ | 10.02ċ | 10.31ċ |
| X1.5 | 13.81ċ | 14.21ċ | 14.61ċ | 15.03ċ | 15.47ċ |

Il-miżura ta' 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa tfisser li membru tal-korp se jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu 312-il siegħa fis-sena li jista' jqatta' aktar mal-familja tiegħu għall-istess paga jew li jkollu potenzjali għal 312-il siegħa sahra b'rata ferm aktar vantaġġjuża. It-tabella t'hawn taħt tindika d-dħul addizzjonali li jista' jagħmel Pulizija f'każ li jaħdem it-312-il siegħa li ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu (ikkalkulata fuq Kuntistabbli fil-massimu - Skala 12).

| Potenzjal ta' ħlas addizzjonali f'każ li tinħadem is-sahra ta' 312-il siegħa (Skala 12 fil-massimu) | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** |
| € | € | € | € | € |
| 4,308.75ċ | 4,432.50ċ | 4,559.85ċ | 4,690.80ċ | 4,825.58ċ |

Prinċipju importanti ħafna huwa li l-ftehim settorjali jrid ikollu terminu ta' mhux inqas minn ħames snin. Dan huwa importanti anke f'kuntest ta' kemm qed tinbidel b'rata mgħaġġla l-ħajja u fl-istess ħin qed tinbidel in-natura tax-xogħol tal-Pulizija.

Apparti mill-fatt li sa ftit żmien ilu lanqas biss kienu jiġu kkonsultati r-rappreżentanti tal-Pulizija, irridu niftakru li bejn dokument ta' kundizzjonijiet u ieħor għaddew madwar 19-il sena (1993 u 2012). Dan hu ħażin ħafna.

Minkejja li m'għandix dubju li wieħed jista' jara ammeljorament fir-rati indikati aktar kmieni, il-mistoqsija fuq fomm kulħadd se tkun x'ser ikun fih il-pakkett finali u jekk hux se jkun biżżejjed fiċ-ċirkostanzi tallum. Kif ħabbarna anke pubblikament il-POU-GWU mhu se tiffirma ebda ftehim settorjali sakemm ikollna l-approvazzjoni tal-membri tagħna.

Għaldaqstant kull membru mħallas fi ħdan il-POU-GWU se jkollu d-dritt li japprova jew le l-kundizzjonijiet li se jkun fih il-ftehim settorjali li jfisser li rridu niddeċiedu lkoll flimkien.

tvella@pou-gwu.org.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

mill-Ispettur Frankie Sammut

Għeżież membri,

Għaddew tliet snin minn meta ġejna maħtura bħala membri fil-kumitat eżekuttiv u wasal iż-żmien sabiex jerġa' jinħatar kumitat ġdid. Kien ta' sodisfazzjon għall-membri tal-kumitat li mill-ħafna lmenti li kellna solvejna l-maġġor parti tagħhom u għinna kemm stajna lil kull min avviċinana u talabna l-assistenza.

L-*MPA* uffiċjalment tħabbar illi rigward l-azzjoni li nfetħet a favur il-membri tagħha rigward l-ftuħ ta' kawża oħra rigward il-ħlas dovut lill-uffiċjali tal-Pulizija għax-xogħol li wettqu fiċ-*CHOGM*, wara laqgħat estensivi mal-Ministru Michael Farrugia, l-*MPA* waslet fi ftehim. Fl-aħħar dawn l-uffiċjali tal-Pulizija ser jingħataw kumpens tas-sigħat li ħadmu. Wara li jiġi ffirmat dan il-ftehim, l-*MPA* ser tirrinunzja għall-proċeduri legali. Għalkemm kien hemm xettiċiżmu li l-*MPA* setgħet tasal għal dan il-kompromess, b'wiċċna minn quddiem inħabbrulkom li wasalna u l-uffiċjali ser jiġu kkumpensati.

Id-diskussjonijiet tal-ftehim settorjali ssoktaw fejn flimkien mal-*POU* konna qed nistennew il-kontroproposti tal-Gvern. Dawn waslu iżda kemm l-*MPA* kif ukoll il-*POU* ma tantx konna sodisfatti u erġajna għamilna l-proposti tagħna. Issa kellha ssir laqgħa oħra sabiex jiġi stabbilit il-pakkett finali. Min-naħa tagħna serrħu raskom illi mhux ser jiġi ffirmat l-ebda ftehim settorjali jekk mhux bil-kunsens tagħkom. L-*MPA* flimkien mal-*POU* ser inlaqqgħu l-membri kollha flimkien u ser tiġu infurmati bil-kontenut kollu tal-ftehim settorjali. Fl-aħħar mill-aħħar intom ser ittuna l-kunsens tagħkom sabiex għall-ewwel darba fl-istorja, dan il-ftehim settorjali jiġi ffirmat.

L-*MPA* dan l-aħħar bagħtitilkom korrispondenza fejn tlabna estensjoni tal-mandat tagħkom li teleġuna fil-kumitat sakemm jingħalaq dan il-ftehim settorjali. Ma jkunx għaqli u prudenti li nsejħu elezzjoni issa meta wasalna daqshekk viċin illi nagħlqu dan il-ftehim.

Inħeġġu lil kull min hu interessat joħroġ għall-kumitat il-ġdid sabiex javviċina lill-membri tal-kumitat eżekuttiv jew lis-Segretarju tal-*MPA*, is-Surġent Johann Mifsud.

J'Alla jkollna snin oħra ta' suċċess. Insellmulkom.

http://www.mpa.org.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Punti bażiċi li jiżguraw li x-xhieda tagħna fil-qorti twassal sabiex l-akkużi ppreżentati jkunu ppruvati mingħajr dubji bla bżonn

Mill-Ispettur Sergio Pisani – Sezzjoni tat-Traffiku

Qatt ma għandna nissottovalutaw il-valur tal-preżenza tal-uffiċjal fil-qrati. L-uffiċjali tal-pulizija jqattgħu sigħat jippreparaw għall-qorti, iżda ħafna drabi jinjoraw is-setgħa tal-preżenza ta' uffiċjal quddiem il-ġudikatur. Bħala uffiċjal inkarigat li tagħti x-xhieda quddiem il-qorti, għandek tiżgura li:



### 1. Ikollok iż-żarbun nadif.

M'hemm xejn agħar milli tara uffiċjal jimxi lejn il-pedana tax-xhieda b'tilja ħmieġ fuq iż-żarbun. Żarbun nadif juri li int uffiċjal professjonali u li taħdem bil-għaqal.

### 2. L-uniformi tkun nadifa u mgħoddija

Kultant ikollok il-qorti dritt wara xi xogħol ieħor eż. tidderieġi t-traffiku, twaqqaf lil xi ħadd, jew tieħu rapport ta' serq, iżda dan m'għandux ikun skuża għaliex ma jkollokx l-uniformi tiegħek ippressata qabel ma tintlibes.

### 3. Ilbes l-ingravata, anke sempliċiment meta qiegħed tixhed fuq mandat.

L-ewwel ma tiekol l-għajn u l-preżenza tagħna fil-qorti tifrex il-bażi għal kull deċiżjoni tal-ġudikant.

### 4. Kun konxju tal-qagħda tal-ġisem tiegħek.

Imxi fil-Qorti, b'rasek miżmuma għolja. Kun kunfidenti kif timxi lejn il-pedana tax-xhieda. Agħti attenzjoni għal dak li għaddej madwarek. Issa mhuwiex il-ħin biex tibda taqra r-rapporti tiegħek. Dan jista' jiġi interpretat bħala s-sinjal ta' uffiċjal imħejji ħażin.

### 5.Qiegħed ir-rapporti / id-dokumenti tal-qorti tiegħek f'*file/folder*.

Jekk qattajt kwalunkwe ħin fil-qorti, ċert li rajt dak l-uffiċjal li qiegħed jattendi jippassiġġa b'karta waħda rrumblata bħal teleskopju tal-karti, jew mingħajr dokumenti. Meta ma jkollokx dokumenti pertinenti biex jitressqu quddiem il-qorti, xorta jkollok id-dehra ta' uffiċjal imħejji tajjeb.

### 6. Tkun tidher sewwa (*groomed*)

Niżguraw li x-xagħar jinżamm tajjeb skont kull ċirkolari eżistenti u l-irġiel, niżguraw li x-xagħar ikun imqassar tajjeb inkluż leħja mqaxxra friska.

### 7. Agħmel kuntatt fl-għajnejn

Kun żgur li tagħmel kuntatt fl-għajnejn ma' kull persuna li qed tindirizza, kemm jekk l-imħallef, maġistrat jew avukat. Ħares lejhom għax qegħdin jitkellmu miegħek u mhux fl-art jew lejn in-noti tiegħek. Li tagħmel kuntatti fl-għajnejn turi li int kunfidenti u ċert dwar dak li qed tgħid.

Ftakar, hekk kif aħna nqisu n-nies, in-nies jagħmlu l-istess lilna. Aħdem bil-għaqal biex tirbaħ il-każ qabel ma tibda l-provi billi ssegwi dawn is-seba' modi biex ittejjeb u tieħu vantaġġ mill-preżenza tiegħek fil-qorti.

sergio.pisani@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Jum il-Pul

## Il-204 Anniversarju mit-Twa

### It-Tnejn 2 ta' Lulju, 2018

**7.30 pm - 9.30pm** - Vilhena Hall
Riċeviment għall-membri tal-Korp u l-Pensjonanti.

### L-Erbgħa 4 ta' Lulju 2018

10.00am - Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija u wirja mil-*Precision Drill Team* u t-Taqsima tal-Klieb quddiem il-Parlament, fi Pjazza Ħelsien il-Belt, Valletta

Preżenti: żewġt' iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) - mutur tat-traffiku / rikkieb

Wirja ta' vetturi antiki u moderni li jintużaw mill-Pulizija fi Pjazza Ħelsien man-naħa tat-Teatru l-Imwaqqa'.

**7:30pm – 9.30pm - Vilhena Hall**
Riċeviment għall-membri tal-Korp u l-Pensjonanti.

### Il-Ħamis 5 ta' Lulju 2017

**8:30pm - Marsascala**
Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija fi Pjazza Mifsud Bonnici u wirja mil-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb.

Preżenti: żewġt' iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) - mutur tat-traffiku / rikkieb.

### Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju, 2018

**8:30pm - Tas-Sliema**
Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija fi Triq it-Torri

### Is-Sibt 7 ta` Lulju, 2018

**8:30pm - Buġibba** -
Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija f'Misrah il-Bajja.
Wirja mis-Sezzoni tal-Klieb.

Preżenti: żewġt' iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) – mutur tat-traffiku / rikkieb.

# izija 2018

## aqqif tal-Korp tal-Pulizija

### Il-Ħadd 8 ta` Lulju, 2018

**9:00am** - Quddiesa fil-Kappella
taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.
Wara servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni.

### Il-Ħamis 12 ta' Lulju, 2018

**JUM IL-PULIZIJA**
9.00am - *Open Day* ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija

### Is-Sibt 14 ta' Lulju, 2018

8:30am - Gwardja tal-Unur, Salut,
Daqq tal-Innu Nazzjonali

9:00am - Quddiesa Solenni ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

**8:00pm - L-Argotti**
Riċeviment għall-fizzjali u l-mistednin tal-Korp
bis-sehem tal-Grupp Mużikali tal-Korp tal-Pulizija.

### Il-Tnejn 16 ta' Lulju, 2018

**6:00pm - Għawdex**
Quddiesa għall-Pulizija Għawdxin / Pensjonanti fil-Kappella
taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, ġewwa Għawdex.
Servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni.

**7:30pm - Marsalforn**
Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Pulizija fil-Menqa.
Wirja mill-*Precision Drill Team*
u mit-Taqsima tal-Klieb.

Preżenti: Żewġt' iżwiemel tal-Kavallerija
(irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal)
– Mutur tat-traffiku / rikkieb.

Riċeviment għall-Pulizija Għawdxin /
Pensjonanti ġewwa l-Għassa
tar-Rabat, Għawdex.

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Kif wieħed jista' jkun affettwat meta jiġi espost għal sitwazzjonijiet trawmatiċi

Employee Support Programme Unit

Huwa fatt magħruf li l-uffiċjali tal-pulizija jirrispondu għal sitwazzjonijiet varji li wħud minnhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala xokkanti u tqal. Il-pulizija huma mistennija li jittrattaw l-emerġenzi li jiltaqgħu magħhom b'mod professjonali u kompetenti. Dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jħallu impatt sinifikanti fuq l-uffiċjal/i. Fost l-effetti li jistgħu jesperjenzaw insibu stress, trawma u effetti fiżiċi bħal għejja. Dawn it-tipi ta' sitwazzjonijiet jistgħu jikkawżaw ħafna diffikultajiet u jaffettwaw il-mod ta' kif jaħdmu kif ukoll il-ħajja personali tagħhom.

Importanti li wieħed jagħraf id-differenza bejn stress u trawma. Madanakollu, meta persuna tiġi esposta għal stress eċċessiv u għal tul ta' żmien, dan iħalli effetti negattivi fuq il-persuna, fosthom uġigħ ta' ras frekwenti, għejja, żieda jew nuqqas fl-ikel, emozzjonijiet ta' dwejjaq u ansjetà. Però, l-istress jista' jkun ikkontrollat jekk wieħed jadotta imġiba b'saħħitha u jieħu ħsieb tiegħu nnifsu permezz ta' dieta bbilanċjata, eżerċizzju u tqassim tajjeb tal-ħin. Meta persuna tesperjenza trawma, din ikollha impatt ikbar fuq l-individwu mill-effetti tal-istress.

Avvenimenti trawmatiċi jistgħu jikkawżaw effetti fiżiċi, emozzjonali u psikoloġiċi li għandhom il-potenzjal li jinterferixxu mal-abbiltà tal-pulizija biex jiffunzjona meta jkun fuq is-sit tal-emerġenza, kif ukoll wara. Dan ix-xokk emozzjonali jista' jkollu effetti fit-tul. Riżultat ta' dan, il-persuna li tkun qed tesperjenza t-trawma tista' tħossha mhedda, anzjuża jew imbeżżgħa, anke meta ma jkunx hemm riskji fiżiċi reali.

Sitwazzjonijiet trawmatiċi oħra li l-uffiċjali tal-pulizija jiġu esposti għalihom huma argumenti fiżiċi bil-possibilità li jintużaw xi armi, meta jipprovdu assistenza lill-vittmi f'inċidenti serji tat-traffiku, jew jesperjenzaw inċidenti li jinvolvu mewt jew saħansitra jiġu feruti huma stess waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Kull tip ta' intervent relatat ma' avveniment trawmatiku, anke jekk b'mod indirett bħal pereżempju meta wieħed ikun sema' b'esperjenza ta' vittma, tista' tħalli effetti negattivi. Fil-fatt, anke meta uffiċjali tal-pulizija ma jkunux esposti direttament għat-trawma, ir-rispons psikoloġiku tagħhom jaf ikun sever daqs li kieku kienu esposti b'mod dirett. Espożizzjoni għat-trawma tista' tikkawża sintomi ta' *Post Traumatic Stress Disorder* (PTSD). Il-persuna li tesperjenza l-PTSD ikollha bżonn is-sapport u l-ħin biex tirkupra mill-avvenimenti trawmatiċi u biex tirkupra l-istabilità emozzjonali u mentali tagħha.

Il-PTSD hija dianjożi li tingħata wara li persuna tesperjenza sintomi għall-inqas xahar wara li tkun involuta f'ċirkostanza trawmatika. Tajjeb li wieħed isemmi, li s-sintomi jistgħu joħorġu xhur jew snin wara l-avveniment. Is-sintomi ewlenin tal-PTSD jinkludu li wieħed jerġa' jġedded il-memorji tal-esperjenza b'mod ripetut jew il-persuna tħossha aktar aġitata. Il-persuna jista' jkollha ħolm ikrah u *flashbacks* relatati maċ-ċirkostanzi trawmatiċi. Sinjali inkwetanti oħra jistgħu jinkludu:

- Inabbilità li tiftakar aspetti importanti mill-av veniment trawmatiku
- Biża' persistenti, rabja, ħtija u/jew mistħija

- Nuqqas ta' interess jew parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' interess
- Emozzjonijiet fejn tħossok maqtugħ mill-oħrajn u tingħalaq fik innifsek
- Inabbiltà persistenti biex tesperjenza emozzjonijiet pożittivi
- Imġieba irritabbli jew aggressiva
- Imġieba irresponsabbli
- Problemi biex tikkonċentra
- Problema biex torqod jew irqad żejjed

Madanakollu, huwa importanti li nsemmu li mhux l-uffiċjali kollha tal-pulizija jesperjenzaw PTSD wara li jiġu esposti għal trawma. Dan jiddependi minn ħafna fatturi suġġettivi, bħal l-abbiltà li persuna jkollha biex tkampa ma' sitwazzjonijiet diffiċli, jekk il-persuna għandhiex xi kundizzjoni ta' saħħa mentali jew jekk hux għaddejja minn xi problema fil-ħajja personali tagħha. Barra minn hekk, is-sapport li l-persuna tingħata mill-familja, kif ukoll mill-Korp tal-Pulizija, jilagħbu parti importanti ħafna fl-abbiltà li persuna tkampa mal-effetti tat-trawma. Hawnhekk tajjeb insemmu wkoll l-importanza li persuna tieħu ħsieb tagħha nfisha fiżikament u psikoloġikament u li tfittex l-għajnuna professjonali jekk tibqa' tħossha li mhijiex tkampa jew jekk is-sintomi jippersistu.

Jekk riċentement għaddejt minn xi esperjenza ta' dan it-tip jew qed tħoss sintomi bħal dawk imsemmija f'dan l-artiklu, aħna nistgħu ngħinuk. Ikkuntattja l-*Employee Support Programme* fuq 2200 1210 jew bl-email fuq esp.opm@gov.mt. Is-servizz huwa kunfidenzjali u mingħajr ħlas.

magazine.police@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Ġakketta ġdida għall-membri tal-Korp

Mill-Ispettur Christopher Harmsworth – QMS

Bil-għan li tiġi assigurata u msaħħa s-sigurtà u l-kumdità tal-membri fi ħdan il-Korp tal-pulizija ta' Malta, il-Korp qiegħed fil-proċess fejn il-ġakketta tax-xita l-antika ħa tiġi sostitwita gradwalment ma' waħda iqsar li tasal sal-qadd u li tista' tintlibes miż-żewġ naħat. Naħa minnhom hija sewda bil-linji li jirriflettu bħalma kienet dik preċedenti filwaqt li min-naħa l-oħra hija ta' lewn isfar liema kulur huwa aktar viżibbli u li xorta waħda bil-linji li jirriflettu.

Minbarra li ma ġewx kompromessi l-livelli ta' protezzjoni mill-elementi tal-kesħa kif ukoll minn dik tax-xita, din il-bidla fl-istil tal-ġakketta tippermetti mobbiltà aħjar fil-movimenti tal-membri meta jkunu qed iwettqu diversi ħidmiet waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Apparti dan, minħabba li l-ġakketta hija iqsar minn dik preċedenti din tiffaċilita l-użu tal-apparat li jifforma parti miċ-ċinturin tas-servizz.

christopher.harmsworth@gov.mt



**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Tmexxija effettiva u intelliġenti

minn Dott Anthony Licari - Lettur Universitarju
fil-Lingwistika u x-Xjenzi Umani, Interpretu u Traduttur bi speċjalizzazzjoni fil-Lingwa Franċiża.

Illum il-ġurnata, l-edukazzjoni qegħda tagħti iżjed u iżjed importanza lit-tmexxija (*leadership*). Dan għaliex l-edukazzjoni m'għadhiex tfisser sempliċement struzzjoni ta' lingwi, matematika u xjenzi. Lil hinn minn dawn is-suġġetti bażiċi, l-edukazzjoni qegħda tħares lejn kif l-edukazzjoni tista' taqdi l-bżonnijiet kollha tal-individwu u tas-soċjetà.

Ma rridux ninsew li l-edukazzjoni hi investiment tal-Istat fil-ħtiġijiet sħaħ taċ-ċittadini u l-pajjiż fejn jgħixu. Lanqas ma rridu ninsew li l-edukazzjoni ma ttejjibx biss il-personalità tal-individwu, iżda tikkontribwixxi wkoll għal saħħtu u għas-sodisfazzjon tad-doveri ċiviċi li jħajru liċ-ċittadin jagħti sehemu kemm jista' għall-benessri tas-soċjetà u tal-aspetti demokratiċi tagħha.

L-edukazzjoni għal tmexxija tibda mill-individwu u tkompli fil-gruppi. L-iżgħar grupp hu l-koppja. Wara tiġi l-familja ta' kull tip u mbagħad il-gruppi kollha, ċioè il-klabbs sportivi, ekoloġiċi, mużikali, kulturali u ta' kull tip ieħor. Wara hemm il-partiti politiċi, il-kunsilli lokali u l-Parlament organizzat skont kif iċ-ċittadini jagħżlu huma stess, kif ittihom is-saħħa demokratika l-Kostituzzjoni tal-pajjiż.

**It-Tmexxija u l-individwu.** Dan hu l-ewwel tip ta' tmexxija. Inti trid tkun l-ewwel nett mexxej tiegħek innifsek. Din it-tmexxija tinkludi dixxiplina u organizzazzjoni fi sfera umana. Dan ifisser ukoll li trid tkun dixxiplinat fejn tidħol saħħtek (iġifieri tiffangax, evita t-tipjip, ix-xorb żejjed, orqod biżżejjed u mur fil-kampanja waqt li għandek id-dover li tiddefendi kemm tista' n-natura.) Saħħtek fiżika u mentali taffettwa wkoll lis-sieħeb jew sieħba u l-familja tiegħek. Jekk qajla tinteressa ruħek f'saħħtek, se tbati miegħek il-koppja u l-familja tiegħek. Jekk iddeċidejt li tkun f'koppja u eventwalment f'familja, hu d-dover tiegħek li tappoġġa lis-sieħeb jew sieħba fil-bżonnijiet u l-problemi tiegħu jew tagħha. Mexxej ma' jfissirx li tkun despotiku u dittatur mas-sieħeb jew sieħba u wliedek, imma li tinteressa ruħek fil-ħajja totali tagħhom u tissuġġerixxi titjib bħala opinjoni li tagħmel sens - mhux bħala ordni.

**Traffiku.** Id-dixxiplina fil-qasam tat-traffiku wkoll tfisser kapaċità ta' tmexxija. Hu kważi impossibbli li ssib pulizija jipparkja quddiem garaxx ta' ħaddieħor jew ma jużax l-*indicator* tal-karozza. Imma fost il-poplu, din il-problema hi komuni u tista' toħloq sens ta' telqa fil-pajjiż. L-edukazzjoni ċivika fl-iskejjel għandu jkollha wkoll l-iskop li tgħallem lill-individwu jifhem li t-toroq huma żoni pubbliċi, ċioè ta' kulħadd. Jekk ċittadin jitratta *roundabout* bħala xi post tad-divertiment u jdur magħha bla *indicator*, ikollu nuqqas ta' doża ta' tmexxija – barra li jesprimi ċerta arroganza.

**Ġirien.** Jekk inti ma tgħix fuq dgħajsa f'nofs ta' baħar jew f'ġungla, ħajtek ta' kuljum tinkludi kuntatt mal-ġirien b'mod jew ieħor. Il-kuntatt ma jfissirx li kuljum tieħu b'idejn il-ġirien tat-triq kollha kuljum. Jekk il-ħsejjes ta' ħajtek jinvadu l-abitazzjoni ta' ħaddieħor, m'intix mexxej iżda egoista anarkiku. Mhux possibbli li bniedem ikun mexxej u egoista anarkiku fl-istess ħin! L-eżempji dwar dan huma tipiċi: mużika għolja u vibranti, klieb tenuri, għasafar mill-Foresta

tal-Amażonja li jwerżqu kemm jifilħu, ħamiem li jżejnu l-inxir fuq il-bjut tan-nies eċċ. Dan hu wkoll nuqqas ta' tmexxija li saħansitra jintiret mill-ulied – l-istess bħad-dagħa.

**Kollegi u subalterni.** Fil-ħajja tal-bniedem, il-maġġoranza tal-ħin tgħaddih mal-kollegi peress li iżjed minn terz ta' ħajjitna ngħadduh reqdin (bar-ra dawk li jorqdu bilwieqfa), ninħaslu u nivjaġġaw għax-xogħol u lura. Fuq il-post tax-xogħol, mexxej ikun identifikat minn kemm għandu ħila jispira lil ħaddieħor. Tispira jiġifieri tigwadanja r-rispett, il-koperazzjoni tas-subalterni tiegħek mhux bl-għajat, bil-ħars aggressiv u l-intolleranza. Mexxej ma jinbaħx iżda jikkonvinċi. Fuq il-post tax-xogħol, int mexxej jekk tipperswadi bi strateġija ta' tmexxija lis-subalterni li jieħdu gost jikkoperaw mal-ideat u d-deċiżjonijiet tiegħek. Jekk min hu taħtek fuq il-post tax-xogħol jobdik sempliċement għax inti uffiċjal ogħla minnu u f'qalbu jgħid kemm għandek mentalità pwerili, m'intix mexxej għax m'intix tikkonvinċi iżda timponi.

***Leaders femminili.*** Hemm min jipproponi l-idea li l-Parlament u l-oqsma l-oħra amministrattivi tal-pajjiż għandhom bħala punt tat-tluq jinkludu nisa u rġiel f'numru ndaqs. Din hi mentalità żbaljata li l-istess nisa intelliġenti ma jaqblux magħha. Dan peress li jekk tobbliga struttura bħall-Parlament jew il-post tax-xogħol tiegħek li jkollhom 50%-50% nisa u rġiel f'postijiet amministrattivi, dan if-isser li inti tista' tagħti promozzjoni lin-nisa biex toħloq bilanċ ibbażat fuq il-persentaġġi. Jiġifieri, biex toħloq bilanċ u rispett għad-drittijiet tal-mara, inti tista' tispiċċa tagħti promozzjoni lil ċerti nisa li m'għandhom l-ebda tmexxija għax ikunu biss f'minoranza prużuntuża. Issa n-natura toħloq lis-sessi b'kapaċità ugwali ta' intelliġenza u tmexxija, u n-nisa verament mexxejja m'għandhomx jibqgħu lura milli jippreżentaw ruħhom għal karigi ta' tmexxija biex dawn il-karigi ma' jinħatfux min-nisa inqas kompetenti.

**Eżami personali.** Fuq kollox, kull persuna f'kariga ta' responsabbiltà għandha kontinwament tagħmel eżami personali biex tevita dak li jissejjaħ mekkaniżmu ta' difiża, ċioè strateġija biex tikkon-trolla d-dubji interni dwar il-kompetenza tagħha. Dan il-mekkaniżmu hu soġġett għalih kulħadd. Fil-prattika, l-azzjoni esterna tista' tkun kumpens artifiċjali għall-inċertezza interna. L-azzjoni ester-na tista' tkun għebusija spontanja mas-subalterni, sabiex is-sottomissjoni tagħhom tagħmel tajjeb għad-dubji u l-ansjetà interni tal-persuna b'kariga ta' responsabbiltà. Dan biex ikun ta' sodisfazzjon artifiċjali li qegħdha tikkontrolla s-sitwazzjoni. Il-kontroll voċiferu mhux tmexxija.

Naturalment it-tmexxija intelliġenti u effettiva ma tesprimix ruħha b'xi mekkaniżmi ta' strateġija artifiċjali iżda b'riżultat ta' solidarjetà u *camaraderie* bejn min imexxi u min isegwi – li huma *team*.

Intemm dan l-artiklu billi nikkritika l-impressjoni ħażina li jagħtu xi awturi fi plejs, rumanzi jew ar-tikli f'gazzetti dwar is-suppost rabta tad-doveri tal-Pulizija ma' xi tip ta' rabja jew vendetta. Anki l-ist-ess esperjenza tiegħi ta' kollaborazzjoni lingwistika mal-pulizija għal 'il fuq minn 20 sena u ma' iżjed minn 30 Spettur – li naturalment huma mexxejja fil-qasam tagħhom – qatt ma rajt xi tip ta' rabja tal-Ispetturi kontra s-suspettati. Anzi, iżjed u iżjed qed nara l-Ispetturi jġibu ruħom kważi ta' għalliema jew soċjologi mal-persuni intervistati. Altru minn rabja personali! Anzi kieku kien hekk, il-pubbliku jevita totalment l-għases u d-Depot u jispiċċaw vojta!

magazine.police@gov.mt

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Kampanja Express Road Safety ta' Express Trailers: Inizjattiva Edukattiva għal toroq Aktar Siguri

Dan l-aħħar, EXPRESS TRAILERS flimkien mal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, Transport Malta u l-Malta Road Safety Council nedew il-kampanja **Express Road Safety** favur użu aktar responsabbli tat-toroq.




Il-Ministru Borg tenna t-twemmin tiegħu fl-edukazzjoni kontinwa għal toroq aktar sikuri u ddeskriva l-kampanja bħala waħda versatili li tilħaq setturi differenti fis-soċjetà. Il-Ministru spjega li kumpanija bħal din, li topera f'settur direttament relatat mat-trasport, għandha potenzjal akbar li tilħaq udjenzi fl-istess industrija, u faħħar l-inċentiva li qegħdin jipproponu sabiex iħeġġu kumpaniji bħalhom biex joħorġu bl-inizjattivi tagħhom stess għal sigurtà fit-toroq.

Waqt li kien qiegħed jindirizza t-tnedija tal-kampanja, iċ-Chairman u Kap Eżekuttiv ta' Express Trailers Franco Azzopardi qal, "il-kumpanija tagħna hija meqjusa bħala l-operatur tat-trasport u l-loġistika mexxej u rrispettat f'Malta. Filwaqt li aħna nħaddmu flotta kbira ta' trakkijiet, *trailers* u vannijiet biex naqdu d-dmirijiet ta' kuljum, aħna nagħrfu li noħolqu wkoll xi skumditajiet fit-toroq. Għalhekk, iddeċidejna li nassumu rwol attiv fil-komunità u ħassejna li l-promozzjoni tas-sigurtà fit-toroq tkun qrib ħafna mal-operat tagħna bħala utenti tat-toroq attivi.

Aħna ngawdu minn *track record* pożittiv u rispett kbir bħala utenti tat-triq responsabbli, u ninsabu kuntenti li sibna l-appoġġ tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq, u li qegħdin inniedu din il-kampanja magħhom." It-twemmin tal-kumpanija huwa li s-sigurtà fit-toroq għandha tkun prijorità prinċipali għal kulħadd, speċjalment is-sewwieqa li qegħdin jiġu msejħa biex isuqu b'mod responsabbli u jipproteġu utenti tat-toroq aktar vulnerabbli. Huwa qal li fit-triq, kulħadd qiegħed jissellef l-ispazju u kulħadd għandu dritt li juża t-toroq, u żied li kull utent tat-toroq huwa responsabbli għas-sigurtà ta' ħaddieħor.

Il-Ministru Borg faħħar lill-kumpanija għall-inizjattiva u għall-impenn ġenerali tagħhom favur is-sigurtà fit-toroq fl-operat, u faħħar id-deċiżjoni tagħhom li jikkonsultaw mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u mal-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq sabiex jiżguraw li jinkisbu kemm jista' jkun benefiċċji minn din il-kampanja.

Il-Ministru tkellem dwar l-importanza tal-grafika li qiegħda tintuża bħala simbolu tal-kampanja; qalb miżmuma f'par idejn li jissimbolizzaw it-triq. Huwa għaqqad dan mal-inċidenti fatali li sfortunatament nisimgħu dwarhom ta' spiss; inċidenti li wasslu għal qlub bħal dik fl-istampa biex jieqfu jħabbtu. "Nitkellmu, niddiskutu u nippruvaw nirraġunaw kull darba li jiġri xi inċident, imma dan mhuwiex biżżejjed – irridu naġixxu, u dan qegħdin nagħmluh u se nkomplu nagħmluh tul il-ħidma tagħna," qal huwa, u spjega x-xogħol li qiegħed isir mill-Min-

isteru għal dan il-għan, bħal disinn ta' toroq aktar sikuri u l-inklużjoni ta' faċilitajiet tas-sigurtà bħal *crash barriers* imtejba li jipproteġu aħjar lis-sewwieqa tal-muturi. Huwa tkellem ukoll dwar it-taqsima tal-infurzar imsaħħa tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li ltaqa' magħha aktar kmieni din il-ġimgħa u li issa tikkonsisti f'166 membru, u qal li l-Ministeru qiegħed ikompli jinvesti f'taħriġ u tagħmir aħjar għat-taqsima.

L-Onor. Borg għalaq billi tenna l-appoġġ sħiħ tiegħu għal kwalunkwe kampanja edukattiva għal imġiba responsabbli fit-triq, u qal li l-Ministeru għaddej b'ħidma mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex ikompli jsir kontribut għal dan il-għan. "Nemmen li l-fatt li qegħdin inniedu kampanja oħra hawnhekk illum ifisser li l-messaġġi tagħna li jippromwovu aktar responsabilità fit-triq qiegħed jasal," qal il-Ministru.




Franco Azzopardi esprima l-impenn tal-kumpanija li, permezz tat-tim tas-sewwieqa tagħha qiegħda taħdem b'mod attiv favur sigurtà fit-toroq Maltin. "Is-sewwieqa tagħna huma l-ambaxxaturi prinċipali tagħna fuq it-toroq, u aħna nieħdu s-sigurtà bis-serjetà. Din il-kampanja se tkun ċelebrazzjoni ta' dan l-impenn," għalaq Franco Azzopardi.

Pierre Vella, mill-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq faħħar il-fatt li kumpanija privata bħal Express Trailers kienet qiegħda tieħu l-inizjattiva li tniedi kampanja li tqajjem kuxjenza dwar is-sigurtà fit-toroq fuq livell nazzjonali, u tenna l-appoġġ tal-Kunsill biex jiżgura li l-kampanja tkun effettiva. "Kulħadd huwa utent tat-toroq, u għalhekk, kulħadd qiegħed jiġi msejjaħ biex iġib ruħu b'mod responsabbli fit-triq. Li niżguraw li t-toroq huma sikuri m'għandhiex tkun biss responsabilità tal-awtoritajiet jew ta' dawk li jfasslu l-politika, iżda wasal iż-żmien li kulħadd jifhem li fit-toroq, aħna kollha vulnerabbli u kollha nistgħu nikkontribwixxu billi nnaqqsu l-veloċità, nevitaw mossi perikolużi u nirrispettaw ir-regoli tas-sewqan."

Aktar informazzjoni dwar il-kampanja tinsab www.expressroadsafety.com

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

I would like to pass my thanks and gratitude to the Qawra Police Station for their help this afternoon. After gave us help and support to me and my daughter through a difficult time. We will never forget. Thank you.

I would like to thank the Qormi police (station) who whilst on patrol near ex lowenbrau roundabout at around 2245 (311017) stopped to correctly place plastic jersey blocks around man holes that are being constructed. Thank you guys for taking care of our safety.

I would also like to mention positively the support I had last week from Insp. Timothy Zammit and his unit who were very supportive about a challenging and sensitive case I was dealing with. Kindly thank them from me.

Best Regards

Dear Mr Cutajar,

I am writing to share a positive experience with the Mellieha Police department and specifically to commend the efforts of one of your officers. Unfortunately I do not have his name, just his badge number, 1228.

On August 30th, I was travelling from the ferry in Malta to Mellieha with my family to spend our last night of a two week stay in Malta. I accidentally left my wallet in the taxi while being dropped at my Mellieha hotel. I immediately took a taxi back to the ferry and with the assistance of my taxi driver was able to obtain the taxi number where I left my wallet. I hoped the taxi driver would return immediately, but when he did not do so I went to the Mellieha Police. The officer on duty with badge number 1228 was extremely helpful. He immediately set to work to locate the driver and within a very short period of time had obtained phone contact with the driver and made arrangements for my wallet to be returned. I was extremely impressed with the officer's courtesy, professionalism and quick action. It would have been very inconvenient to have to cancel all my credit cards and replace my Canadian identification, health card etc. I am very grateful for this officer's quick action and wanted to bring this to your attention.

My trip to Malta was extremely pleasant. The history and geographic beauty are remarkable. It is good to know that the police services, and especially this officer, are equally impressive and I will be back to visit soon.

Min qalbi... nixtieq nirringrazzja lil Malta Police Force. Kelli accident illum fejn baqgha diehel Trakk go fija. Just to point out, 5 gimghat ilu kelli accident fejn ksirt 2 discs min dari. Tistghu timmaginaw kif hassejtni illum meta kelli accident iehor?

Luckily kienu ghaddejin 2 pulizija PC 64 u PC 1431 li tawni ghajnuna PERFETTA. Ghenuni minn qalbhom, baqghu mieghi sal-ahhar fix-xita u ghamlu xogholhom perfett. Dawn in-nies jaghtu qalbhom biex jghinuna f'sitwazzjonijiet li nkunu dhalna fihom ahna. Apprezzaw xogholhom!!!

I just want to say how grateful I am for the services provided tonight by the following policemen stationed at the RIU:
PC 1391
PC 877
PC 458
I lost my phone, I tracked it, asked for their help and they helped me get it back in the span of 30mins! They fulfilled their jobs so well and I honestly never expected it. Thank you so so much, I appreciate it. Respect.

Dear Sir or Madam,

I would like to write a letter of appreciation to **Police Sergeant 233 Audrey Micallef** working at the Malta International Airport (MLA).

I am from Vienna, Austria and a few weeks ago I visited Malta for the first time. It was very beautiful, but on my last day my wallet got stolen at the Spinola Bay directly beneath the LOVE – statue with all my documents, credit & debit cards and cash in it

As we flew back home to Austria the next day very frustrated and disappointed, **Police Sergeant 233 Audrey Micallef** found my wallet at the Malta International Airport and contacted me personally via email by one of my business cards in my wallet! She even gave me her private phone number to contact her!!!

Finally, she mailed my wallet to Austria containing every single document and bank cards! She managed the entire process just perfect and I still don't know how I can thank her for her selflessly support and warm help. I am very grateful and thank **Police Sergeant 233 Audrey Micallef** from the bottom of my heart for her service she is doing for her country. I am glad that such trustworthy and reliable people like her are working at the police and are really taking care of people and their problems and concerns.

I know **Police Sergeant 233 Audrey Micallef** will do her job honorably in future and would like to thank her very much.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**




Kirsty Camilleri
6 snin




Katrina Muscat
5 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Message: Unfortunately I had need to contact the police after a vehicle caused damage to my hire car. The Siggiewi, Zebbug and Qormi Police Officers I dealt with were all exceptionally helpful and pleasant. Definitely presenting the Malta Police Force excellently. All are a credit to Malta.

Nixtieq nirringrazzja lil PC 941 li hu stazzjonat l-ghasssa ta San Giljan tal-interess li ha fuq sitwazzjoni li kelli bhal llum gimgha.

Dan il-pulizija wera dedikazzjoni kbira u kien professjonali fl-attegjament tieghu.

Grazzi

Well done & big Thank You to the Sliema Police Station, especially the officers on duty last Monday 6th November and last night November (WPS 256 or 250 on Monday night and WPS 355 who was on duty last night and this morning). Thank you for dealing with my report of hit & run with kindness, understanding and professional efficiency!

Bongu llum xi 6am kelli accident fejn ic-cimiterju tat-torok minhabba tappiera, li n-nies li gew jtuni l-ghajnuna u nirringrazzjahom kollha qaluli li ilha ma 30 sena bl-istess problema. Tappiera li dejjem tinfetah bil-maltemp, nuqqas ta hsieb u periklu ghalina. Qed nikteb l'iktar biex nirringrazzja lil min kien ta ghajnuna. Transport Malta tal-mutur ma nafx x'jismu imma vera kien gentili u liz-zewg pulizija 1 minnhom biss naf in-number tieghu Surgent 362. Grazzi ta kemm kontu efficjenti u ta' sapport.

Saturday morning at around 2am while me and my family were at sleep, our 2 ceiling have collapsed, I cannot explain with words what we felt and how lucky we were to get out alive from there since that rooms, my kids pass mostly of the time watching cartoon and we were exactly at sleep under. We are still shocked but I would like to thank you publicly the Malta Police Force, especially Cospicua and Zabbar district, for their immediate relief there were around 13 – 14 policemen but I could remember only PC367, PC789, PC787 also thanks to the Civil Protection and Enemalta that come very quickly in the place and together with Police made us safely even the cat that was under the concrete. A big thanks also to our neighbours, that assisted us all the night and took care of our 9 months old son.

I am glad and lucky to live in this country, I always knew that you Maltese are fantastic and amazing.

I just got another confirmation.

Grazzi hafna.

Nixtieq nirringrazzja lil WPC 169 li qeghda stazzjonata l-Hamrun talli ghamlet minn kollox sabiex tghinni illejla rigward problema t'ostaklu quddiem il-garaxx tieghi li normalment tohodli 3 sieghat biex nohrog minnu, li dan avolja qieghed f'kantuniera u ghandu double yellow line quddiemu, xorta jibqghu jipparkjaw quddiemu.

Grazzi tal-ghajnuna u l-gentilezza tieghek. Imn'alla sibtek u kkalmajtni ftit fuq li gara wara.

Today, I found myself having to visit the Msida Police Station to file a report. I was greeted by a very well-mannered constable who calmly explained the procedure and immediately started working on it. I managed to get a glimpse at his number on his shoulder no. 148. Thank you for your outstanding service.

Dear Sir / Madam,

I would like to thank PS1141 and his colleague on duty in their Land Rover, who assisted me in a small incident between a white and a red van. This was last Sunday 15th at 12.30.

Thank you for your time.

Nixtieq publikament nirringrazzja lill PC1479 li cempiltlu ftit tal-hin ilu l-Ghassa tas-Swieqi biex nirraporta cint u sign post mwaqqa f'kantuniera perikoluza. Fi kwarta dan il-kuntistabbli mar fuq il-post, gabar il-knaten u nehha l-periklu u cempilli li kollox ok. Grazzi hafna ta' dan is-servizz.

Just a short note to thank Major Seychell and the Policemen from the Mounted Section who accompanied the horses calling at our school this morning.

It was so satisfying to see the expression on the kids' faces when they saw the horses and when ultimately they were given the opportunity to ride the horses.

Well done to all.

Kind regards,

Moira Xuereb
*Assistant Head of School*

St. Nicholas College
Mtarfa Primary School
Sir A. Fremantle Street
Mtarfa – MTF 1551
Malta
T: +356 21454882

# International Police Association - Malta Section

*Neville Mercieca - National President*

## 54th Anniversary of the IPA Malta Section.



As part of the 54th Anniversary activities, since Malta became a full member of the International Police Association, during the World Congress held in Blackpool on the 30th April 1964; celebrations kicked off on Saturday 14th April, with a Tactical Shooting competition at Ta' Kandja on Friday 20th April the anniversary dinner took place at Seashells Resort at Suncrest Hotel, Qawra, while on Saturday 28th April we organised a trip to Sicily for a day full of sightseeing, shopping and some Sicilian dining. The IPA Thanksgiving Holy Mass was celebrated on the 6th May where the Police Chaplin who is also a committee member, officiated and blessed all those present. Those attending the Holy Mass, were invited at the ORC for refreshments.

## Anniversary event. Shooting competition.

RED TRACER
TACTICAL AND OUTDOOR GEAR



The IPA Malta Shooting competition was held on the 14th April in gale force wind. This was part 1 of 4 where IPA Malta will be choosing it's team to compete during the 3rd IPA Malta International Shooting Competition being held in Malta in 2019. All 20 participants were thoroughly briefed for this tactical shooting competition by RCO and Committee member PS Patrick Cassar who was assisted by RCO PC Ryan Schembri. All those attending enjoyed this event and a high level of performance was achieved, with the winning participant being Mr Cedric Camilleri followed by Mr Mark Cassar in the 2nd place, while Mr Chris Stafrace placing 3rd. The committee would like to thank the Police Commissioner Mr Lawrence Cutajar for approving the use of the Shooting Range at Ta' Kandja.

Word of thanks goes to all participants and helpers instrumental for this event to be a success.Last but not least the Official Sponsor Red Tracer who shall be supporting us through all 4 events and also at 'The IPA Malta 2019 International Competition'.



## Anniversary event Dinner.

The Anniversary Buffet Dinner was held on the 20th April 2018 at the Seashells Resort at Suncrest, AX Hotels St Paul's Bay.

More than 100 attendees enjoyed the lavish buffet dinner and participated in the fund raising raffle in aid or our Section.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

## Anniversary event. Day trip to Sicily.



On Saturday 28th April we were off for a day trip at our neighbouring island Sicily. The day started early as we boarded the catamaran and set off while watching the sunrise over the horizon. Our tour guide took us for the first stop; coffee & croissants at Pozallo followed by some shopping at the 'Fiera di Vittoria'. Lunch break was held in the Ragusa province at a lovely family run restaurant 'Al Giardino di Bianca'. We were treated to a typical Sicilian lunch complete with coffee and the delicious canollo siciliano. In an adjoined room, all present could enjoy an impressive model complete with valleys, hills, caves, trees, pathways strewn with sawdust and streams of running water – all depicting the Palestinian scene at the time of the Passion of Christ, followed by shopping stop at the centro commerciale Ipercoop Ibleo. We than drove through the old town of Modica, famously known for local chocolate production. Heading back to Pozallo for a farwell ice cream break and boarded the catamaran back home. Thanks goes to all participants, Joe Micallef Travel for their sterling organisation and IPA Malta Section for making this a memorable trip.

## Visit from colleague of IPA Wroclaw - Poland.

During the anniversary days we were pleased to welcome at Police GHQ  Bartlomiej Majchrzak a young serving police officer form Poland who is the current Chairman of IPA Wroclaw - Poland. Bart was here in Malta together with his wife for a holiday and staying in St Paul's Bay. Relations between both IPA Sections of Poland and Malta have always been good, and our Section had also sent a delegation to Poland a few years back to celebrate their 15 anniversary form the Founding of the Polish Section. We had an intersecting IPA chat where we discussed current issues, such as the difficulties faced by small sections like ours and how to try to tackle them in best way possible. Bartolomei seemed very interested in our Section and our Head Quarters and he had prepared himself well for this visit. He knew all about our set up of the Police and Crime Museum where we remarked that they have a similar setup in his area. He extended his invitation for any of our members who wished to visit Wroclaw. Exchange of IPA mementos and occasion photo near the Police Monument took place so we could record this visit for our members.




## Valid IPA Membership Card.

A final word of thanks to all members for their participation in our anniversary events as well as their support throughout the year. Reminder for all members who haven't yet renewed their membership, you are kindly invited to call at the IPA Office PHQ and renew your membership. Annual fee is of €8 whilst a three year membership is of €20. Thanks for your cooperation.

**Servo per Amikeco.**
**The Executive Committee.**

ipamalta@gmail.com

eks-Surġent Joe Borda, Teżorier (M.A.R.P.O.)

## Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2018

Nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju 2018 kellna l-Laqgħa Ġenerali Annwali statutorja. Bosta membri attendew f'numru inkoraġġanti. Il-laqgħa kienet waħda normali, fis-sens fejn inqraw il-minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali tal-21 ta' Mejju 2017, ir-Rapport Amministrattiv tas-sena kif ukoll ir-Rapport Finanzjarju.



Il-laqgħa mbagħad iġġenerat u daret ma' żewġ suġġetti interessanti mal-membri. Is-suġġett tal-MHA u s-suġġett l-ieħor kien dwar il-membri ingaġġati bħala tar-Riserva.



## IL-MHA

Bħal kif għamilna fil-laqgħat ta' qabel u kif ġa ktibna hawnhekk, il-membri ġew infurmati li kien ikollna diversi laqgħat mal-Kummissarju flimkien mal-Amministrazzjoni u ż-żewġ unjins tal-Pulizija. Infurmati wkoll li dawn il-laqgħat servew biex rajna fid-dettall x'jista' jsir u tinstab soluzzjoni li trendi u li tagħmel il-fond sostenibbli. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija kienet li l-fond jieqaf u kull min kien regolari fil-kontribuzzjonijiet sal-aħħar tal-2017 jingħata lura somma bir-rata ta' €14 għal kull sena li kien iħallas. Dan kollu ġie mfisser u r-raġunijiet wara dan kollu wkoll, inkluż xi ntqal fir-Rapport tal-Awditur. Issa fil-laqgħat li jmiss mal-Kummissarju jiġi stabbilit fid-dettall kif se tinħadem is-sistema biex isir il-ħlas u jibda l-ħlas effettivament.

## Il-Kuntistabbli ta' Riserva

Is-suġġett dwar il-membri ta' Riserva fil-Korp ġie diskuss ukoll. Qed ikun innutat li l-membri ta' riserva huma rregolati bi ftehim miktub b'obbligu li josserva u jimxi ma' proċeduri, liġijiet u regolamenti fis-seħħ u kif stipulat fir-regolamenti għall-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku flimkien mal-kuntratt. Fejn tidħol id-dixxiplina naturalment ukoll id-dritt tas-*sick* u l-*leave* hu bħal tal-membri regolari. Iżda tqajmu diversi mistoqsijiet ta' interess li ta' min jindaga aktar u jiddiskutihom. Fosthom, illi fejn fil-liġi partikularment l-Att dwar il-Pulizija Kap. 164 Artiklu 9 (3) jgħid li l-istess liġijiet, regoli u regolamenti bħalma japplikaw għall-uffiċjali tal-pulizija regolari għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kuntistabbli ta' riserva, hawn wieħed ikun irid jistaqsi xi domandi pertinenti dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u xi drittijiet ukoll. Il-membri tal-Għaqda li huma ta' riserva ġew imħeġġa biex jattendu għal-laqgħa li ser issir għalihom u biex iħeġġu oħrajn jattendu.

## Ringrazzjament lill-Kummissarju

Fil-laqgħa ntqal ukoll li qed nirringrazzjaw formalment lill-Kummissarju, is-Sur Lawrence Cutajar talli approva t-talba tagħna sabiex jipprovdilna trasport meta jkollna bżonn għal xi ħarġa, talli ppermetta li nużaw spazju fid-daħla tad-Depot biex nagħmluha faċli għall-membri tagħna biex iħallsu l-miżata tagħhom kif ukoll li involviena fil-Kumitat li waqqaf hu biex jiddiskuti l-iskema tal-fond tal-MHA. Ta' dan kollu nirringrazzjaw lill-Kummissarju għall-koperazzjoni u l-appoġġ tiegħu.

Ray Zammit
Segretarju

Is-Sibt 19 ta' Mejju ġiet organizzata mixja ta' solidarjetà mal-membri tal-Korp tal-Pulizija, ġewwa l-Belt Valletta.
Din bdiet minn Pjazza San Ġorġ u spiċċat quddiem il-Parlament.

Eluf ta' persuni ħonqu Pjazza San Ġorġ u Triq ir-Repubblika għall-mixja paċifika fid-dawl ta' dak kollu li ġara dan l-aħħar.

Preżenti għal din il-mixja kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar flimkien ma' uffiċjali oħra, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali s-Sur Michael Farrugia flimkien ma' bosta ministri u membri parlamentari oħra u kif ukoll il-President ta' Malta, is-Sinjura Marie-Louise Coleiro Preca, l-*ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati s-Sur Anġlu Farrugia, il-Prim Ministru s-Sur Joseph Muscat u l-Kap tal-Oppożizzjoni s-Sur Adrian Delia.




## Ħarġa għal Għawdex

Fit-28 t'April, il-Kumitat organizza ħarġa għal Għawdex għall-membri u l-familja.

Għal din il-ħarġa attendew numru sabiħ ta' membri u mistednin.

Fost il-postijiet li żorna, kien hemm id-dar ta' Frenċ tal-Għarb.



## Riċeviment għall-Membri tal-Korp u l-Pensjonanti

**Malta - 2 ta' Lulju u 4 ta' Lulju 2018 mis-7.30pm sad-9.30pm ġewwa l-Vilhena Hall.**

**Għawdex - 16 ta' Lulju 2018 fis-7.30pm ġewwa l-Għassa Rabat Għawdex**

Korrispondenza u Mizata: Kull korrispondenza li għandha x'taqsam mal-Assoċjazzjoni għandha tintbagħat f'dan l-indirizz :
M.A.R.P.O. P.O. Box 36 Birkirkara e-mail: 2011marpo@gmail.com

Ftuħ tal-Uffiċċju tal-Għaqda: kull nhar ta' Tnejn bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar.
Tel. No. 2124 4182



Ex PC 819 Carmelo Busuttil
1942 - 2018
1964 - 1981



Ex PC 256 Victor Galea
1945 - 2018
1966 - 1982



Ex PC 568 Saviour Bonello
1935 - 2018
1956 - 1981
(Gozo)



Ex PC 948 Anthony Mangion
1933 - 2018
1952 - 1977



Ex PC 299 Carmelo Zammit
1927 - 2018
1954 - 1974



Ex PC 171 William Bonello
1919 - 2018
1941 - 1966



Ex PC 737 Carmel Bugeja
1933 - 2018
1951 - 1965



Ex 2/SM Joseph Buhagiar
1933 - 2018
1952 - 1980



Ex PC 1045 Francis Gauci
1939 - 2018
1957 - 1980

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK